**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **19 TA' FRAR 2017**

## *Film* Don Giuseppe Diana

It-Tnejn 20 ta' Frar 2017 fis-Sala Sant'Anna, fid-9.30am, ser naraw il-*film* Don Giuseppe Diana li huwa dwar saċerdot martri ta' żmiena. Kulħadd huwa mistieden.

## Tberik tal-Familji

It-Tlieta 21 ta' Frar 2017 **fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq l-Aħmar u Triq il-Kannella.**

## Festa tal-Katedra ta' San Pietru

L-Erbgħa 22 ta' Frar 2017 hija l-Festa tal-Katedra ta' San Pietru. Nitolbu u naħdmu biex aħna l-Kattoliċi nżommu dejjem aktar il-għaqda tagħna mal-Papa fit-tagħlim li jwasslilna u fl-għaqda bejnietna.

## Mother and Baby Club

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017.

## Kummissjoni Parrokkjali Tfal

Is-Sibt 25 ta' Frar 2017 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 11-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm. Biljetti mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mis-Sagristija wara l-Quddiesa.

## Jum il-Karnival

Il-Ħadd 26 ta' Frar 2017 fil-Quddiesa tad-9.15am qed nistiednu lit-tfal sabiex jiġu bil-kostum tal-Karnival u wara l-quddiesa nieħdu xi ħaġa flimkien fuq iz-zuntier.

## Comunità Abramo

Matul ix-xahar ta' Awwissu 2017 ser ikollna fostna ż-żgħażagħ mill-Comunità Abramo li flimkien magħhom ser noħolqu attivitajiet matul ix-xahar l-aktar fix-xatt u anke ż-żjajjar fil-familji tal-parroċċa tagħna. Fostna ser ikollna wkoll għall-wiri il-kopja awtentika tas-*sacra Sindone*, jew kif nafuh ilkoll il-Liżar ta' Kristu.

## Sagrament tal-Griżma tal-Isqof 2017

Jiem is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa tagħna ser ikunu s-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Ottubru 2017.